# Tletin Sena ta' Ħidma

## (1975 - 2005)



L-Għaqda tagħna taf il-bidu tagħha meta madwar l-1975 numru ta' żgħaż agħ li kienu jiffrekwentaw il-knisja biex jarmaw l-armar tal-festa, kienu bdew jgħinu lis-sagristan is-Sur John Abela fil-ġbir tal-flus peress li dak iż-żmien in-nar kien jinxtara kollu. Kienu huma l-bidu li għall-festa ta' 1975 beda jsir xi xogħol minn xi delettanti b'għajnuna ta' persuni kemm anzjani dilettanti mir-raħal stess u minn persuni oħra li konna nixtru n-nar minn għandhom. Kulħadd jiftakar kemm kienu jiġu organizzati lotteriji u tqassmu numru ta' souvenirs bħal keychains, posters tal-festa u kalendarji li għadna noħorġu sa din is-sena stess.

Fis-snin tmenin, ix-xogħol tan-nar kien żdied sewwa fiż-Żejtun u ġieli wkoll sar xi diskors fuq il-bżonn li tinxtara art biex tinbena kamra tan-nar, iżda ma konna naslu qatt.

Peress li l-festa kienet tiġi f'Novembru u t-temp ma tantx kien ikun favorevoli wara l-Festa tas-sena 1986, irnexxielna nixtru biċċa art fejn il-lum hemm mibnija l-Kamra tan-Nar fil-Lambordi.

Għall-grazzja t'Alla l-Kamra kompluta kienet lesta f'Jannar



1990 u medjatament beda x-xogħol tan-nar għall-festa ta' Ġunju 1990. Kienet l-ewwel Festa fis-sajf u l-ewwel festa li x-xoghol tan-nar sar kollu mid-dilettanti żwieten.

Għaddew ħmistax-il sena u s-sehem tan-Nar fil-festa żgur li hu importanti anzi fattur ewlieni biex tkompli tikber il-festa tant għażiża għalina ż-żwieten.

Din is-sena qegħdin niċċelebraw it-tletin sena mit-twaqqif tal-Għaqda, u għadna għaddejjin bl-istess tħabrik bħal ta' dakinhar. Pero bħal ma jaf kulħadd din is-sena hi festa ċentinarja b'tifkira tal-1700 sena mill-martirju u l-glorja ta' Santa Katarina V.M. u għalhekk bilfors li dan il-fatt ser jingħata aktar importanza.

Filwaqt li nixtiequ nawguraw sena ċentinarja mill-isbah u Festa tajba lil kulħadd, nitolbu lil Santa Katarina biex tkompli tħares lill-membri kollha fil-Kamra tan-Nar.

**Brownrigg supplies & services**

OFFICES & STORES
**16/18, Flagstone Wharf, Marsa.**
**Tel: 21 222 568 • Mob: 9942 7379**
**Fax: 21 220 711**

**INDUSTRIAL ELECTRICAL & MECHANICAL PRODUCTS.**

- ELECTRICAL CABLES
- XLPE ARMOURED CABLES
- CONDUIT PIPES
- SEAMLESS PIPES
- CRANE PIPE FITTINGS
- FIBRE GLASS INSULATION
- CABLES GLANDS & LUGS
- CABLE TRAYS
- GALVANISED PIPES
- PVC PIPES & FITTINGS
- WELDABLE PIPE FITTINGS
- VALVES & FLANGES